

Brussell, 17 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0190(COD)

15618/18
ADD 1

CULT 170
AUDIO 131
CADREFIN 432
RELEX 1104
IA 427
CODEC 2354

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	15153/18
Nru dok. Cion:	9170/18
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 <ul style="list-style-type: none">– Approċċ ġenerali parzjali– Dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin żewġ dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill.

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Ġermanja, l-Irlanda u l-Italja
dwar il-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027),
dwar it-test tar-regolament u l-Orkestra taż-Żgħażaġħ Ewropea**

Il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Italja jilqgħu b'qalbhom kollha d-deċiżjoni biex jinżamm il-programm ta' finanzjament Ewropew Ewropa Kreattiva, bil-linji ta' finanzjament tiegħu għall-kultura u l-media awdjoviżiva, bħala programm indipendenti u viżibbli tul il-perijodu mill-2021 sal-2027. Wara negozjati fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill u d-dibattitu fil-laqgħa tal-ministri Ewropej responsabbli għall-kultura u l-media, issa għandna bażi soda għall-ħidma futura tagħna.

Madankollu, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Italja jistgħu jaqblu biss mat-test b'riżervi, minħabba li l-isforzi biex l-Orkestra taż-Żgħażaġħ Ewropea tiġi integrata b'mod espliċitu fl-abbozz ta' regolament settorjali fallaw. Għalhekk il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Italja ser japprovaw il-programm ta' finanzjament bit-tama u l-aspettattiva li tkompli tiġi pprovduta bażi finanzjarja fit-tul u stabbli għall-Orkestra taż-Żgħażaġħ Ewropea fil-perijodu mill-2021-2027.

L-Orkestra taż-Żgħażaġħ Ewropea hija istituzzjoni eċċellenti li sservi bħala pjattaforma pożittiva tal-kultura Ewropea u bħala ambaxxatriċi tal-proġett Ewropew. L-orkestra tirrappreżenta wkoll il-kooperazzjoni transnazzjonali fost il-mużiċisti żgħażaġh. Għalhekk, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Italja jiddispijaciom dwar in-nuqqas ta' sinjal politiku b'saħħtu b'appoġġ għall-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea. Il-Ġermanja u l-Irlanda wrew ukoll b'mod ċar ix-xewqa tagħhom li jiġi żgurat finanzjament futur sikur għall-EUYO fil-laqgħa tal-ministri għall-kultura u l-media tal-UE fis-27 ta' Novembru 2018. Madankollu, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Italja jirrikonoxxu li inklużjoni speċifika fit-test tar-regolament ta' entità li għandha tiġi ffinanzjata għandha tibqa' b'mod ġenerali l-eċċezzjoni.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Ġermanja, Franza, il-Belġju, il-Greċja u Ċipru dwar atti delegati

Il-Ġermanja, Franza, il-Belġju, il-Greċja u Ċipru qed jesprimu t-tħassib tagħhom rigward l-użu ta' atti delegati (previsti fl-artikoli 17 u 19) sabiex jiġu żviluppati d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż billi jiġu rieżaminati u ssupplimentati l-indikaturi tal-Anness II.

Dawn l-indikaturi ta' evalwazzjoni huma kruċjali għall-iżvilupp ulterjuri tal-programm. Huwa għalhekk li l-Ġermanja, Franza, il-Belġju, il-Greċja u Ċipru jikkunsidraw li dawn l-indikaturi għandhom jiġu elenkati fl-att bażiku u b'hekk jiġu adottati mil-leġislatur Ewropew, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, pjuttost milli mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' atti delegati.
